**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru: 1214/2021DC**

***George Said et***
***vs***
***Louis Apap Bologna et***

Illum, 6 ta' Mejju 2024

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors preżentat mill-atturi fit-8 ta' Frar 2024 permezz ta' liema talbu s-sorprasessjoni tal-proċeduri odjerni sakemm tiġi deċiża b'mod finali kawża, rikors ġuramentat numru 1284/2023JVC, preżentata mill-konvenuti odjerni fil-konfront ta'l-atturi.

Rat ir-risposta tal-konvenuti preżentata f'l-4 ta' Marzu 2024 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi oppenew it-talba.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-proċeduri f'l-ismijiet premessi kawża preżentata wara li ottjenew il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-atturi qed jallegaw li x-xogħolijiet li qed jagħmlu l-konvenuti f'propjeta tagħhom qed ikunu ta' perikolu għall-istabbilita tal-propjeta tagħhom, li x-xogħolijiet qed jikkawżaw ħsara fil-propjeta tagħhom, u li parti mill-iżvilupp ser jaggrava servitu fuq l-arja tal-bitħa ta'l-atturi.

Illi permezz tar-rikors odjern l-atturi, wara li ppremettew *inter alia*:

- li l-konvenuti preżentaw kawża permezz ta' liema qed jitolbu lill-Qorti tiddikara jekk il-mandat ta' inibizzjoni li ottjenew l-atturi u li ġie segwiet bil-kawża odjerna, hux wieħed legali jew le;
- li ai termini tat-talbiet tal-konvenuti fil-kawża l-oħra l-atturi odjerni qed jiġu esposti għad-danni;
- li l-mertu ta' dik il-kawża l-oħra tentata mill-konvenuti ser timpinġi direttament fuq dak li qed jiġi trattat fil-kawża odjerna; u
- li d-deċiżjoni f'dik il-kawża l-oħra ser tinfluwenza d-deċiżjoni fil-proċeduri odjerni;

  talbu s-soprasessjoni fil-proċeduri odjerni sakemm tiġi definittivament deċiża l-kawża tenatat mill-konvenuti.

Illi l-konvenuti da parti tagħhom jiċħdu li fil-kawża tentata minnhom qed jattakkaw il-legalita tal-mandat ta' inibizzjoni, imma qed jitolbu dikjarazzjoni li l-atturi odjerni qed jaġixxu bi ksur ta'l-obbliġi kuntrattwali tagħhom u għalhekk huma responsabbli għad-danni derivanti minn din l-inadempjenza kuntrattwali tagħhom. Għalhekk l-konvenuti, fil-waqt li jikkontendu li t-talba odjerna mhiex imsejsa fuq l-ebda dispożizzjoni tal-Liġi u hija intiża biss biex ittawwal il-proċeduri, jikkontendu ukoll li il-kawża odjerna assolutament ma tiddependiex fuq l-eżitu ta'l-oħra.

Illi għal kull bon fini għandu jiġi rilevat li in sostenn tat-talba tagħhom l-konvenuti preżentaw biss id-degriet ta'l-appuntament tal-kawża l-oħra u r-risposta ġuramentata tagħhom pero naqsu li jippreżentaw ukoll r-rikors ġuramentat ta'l-atturi. Fil-verita huwa dak ir-rikors ġuramentat li kien ikun utli għad-determinazzjoni tat-talba odjerna, partikolarment meta wieħed iqis li l-partijiet mhux qed jaqblu ezattament dwar dak li qed jintalab f'dik il-kawza l-oħra.[1]

Ikkunsidrat

Illi dwar s-soprasessjoni hemm ġurisprudenza kopjuża u kostanti. Riassunt ta' din il-ġurisprudenza għamlitu din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza mgħotija fil-21 ta' Jannar 2016 fil-kawża *John Debono et vs Mario Buhagiar et* fejn intqal li

> *huwa aċċettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigħ fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa [Art. 195(1) tal-Kap 12], trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir [App. Ċiv.: 28.10.1935 fil-kawza fl-ismijiet Mifsud noe*

[1] Jingħad ukoll li lanqas il-konvenuti ma preżentaw kopja tar-rikors ġuramentat tagħhom.

*vs Abela et. (Kollez. Vol:XXIX.i.1295)]. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali [P.A. Kost: 12.8.1994 fil-kawza fl-ismijiet Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et (Kollez. Vol: LXXVIII.i.211)], li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala lis alibi pendens [Kost. 20.7.1994 fil-kawża fl-ismijiet Mifsud vs Onor. Prim'Ministru et (Kollez. Vol: LXXVIII.i.171) u P.A. Kost LSO] u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm* ***żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu****;*

*Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik [Ara, per eżempju, App. Ċiv. 23.6.1869 fil-kawża fl-ismijiet German et vs Scicluna et (Kollez. Vol: V.157)]; P.A. 23.1.1946 filkawża fl-ismijiet Buġeja vs Żammit (Kollez. Vol: XXXII.ii.197) u App. Kumm.: 26.3.1984 fil-kawża fl-ismijiet Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttiġieġ et noe (mhix pubblikata)]. Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju [(App. Ċiv. 22.5.1989 fil-kawża fl-ismijiet Mallia et vs Beżżina et (Kollez. Vol: LXXIII.ii.338)] u, għalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatu jekk tqum ilħtieġa li tibdel il-fehma tagħha aktar 'il quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex tagħmel dan;*

*Illi għalhekk ukoll, il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta' kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstama' sa ma tinqata' [App. Ċiv. 4.11.1957 fil-kawża fl-ismijiet Cardona vs Pisani (Kollez. Vol: XLI.i.547)]. Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bħala wieħed "alejatorju" [P.A. 23.5.1997 fil-kawża fl-ismijiet Camilleri noe vs Vassallo Gatt pro et noe (Kollez. Vol: LXXXI.iii.83] li, minħabba t-termini ebsin tal-Kodiċi Proċedurali dwar is-smigħ tagħhom, jista' jwassal għad-deżerzjoni tal-proċeduri mwaqqfa. Għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li* ***t-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġa' tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf*** *[P.A. 12.4.1962 fil-kawża fl-ismijiet Azzopardi et vs Critien pro et (Kollez. Vol: XLVI.ii.591) u App. Ċiv. 6.10.1999 filkawża fl-ismijiet Grima et vs Frendo et (Kollez. Vol: LXXXIII.ii.393)];*

> *Illi fuq kollox, il-Qorti ma għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk kemm-il darba jintwera li l-parti l-oħra tkun sejra ġġarrab preġudizzju minħabba d-dewmien (P.A. JZM 25.3.2013 fil-kawża fl-ismijiet Amber Properties Ltd vs Central Holidays (Travel Agents & Organisers) Ltd et (in parte)].* [2]

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, dak li jrid jiġi stabbilit huwa jekk il-proċeduri odjerni jiddependux fuq is-soluzzjoni ta' xi punt li jrid jiġi deċiż fil-kawża tentata mill-konvenuti.

Illi kif intqal aktar 'l fuq il-partijiet mhux qed jaqblu dwar dak li qed jintalab fil-kawża tenatata mill-konvenuti u ħadd minnhom ma preżenta kopja tar-rikors ġuramentat relattiv b'mod li ma jistax jingħad b'ċertezza x'qed jintalab f'dik il-kawża. Minkejja dan pero u indipendentement minn min mill-partijiet għandu raġun dwar dak li qiegħed hemm jintalab, fiż-żewġ eventwalitajiet[3] ma jistax jingħad li d-determinazzjoni tal-proċeduri odjerni tiddependi fuq is-soluzzjoni ta' xi punt li għad irid jiġi deċiż fil-kawża l-oħra. Dan għaliex deċizjoni dwar jekk jekk l-atturi odjerni humiex jagixxu bi ksir ta'l-obbliġi kuntrattwali tagħhom u jekk it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kenitx bi vjolazzjoni ta'l-istess obbligi kuntrattwali jew hux addirittura "*illegali*", ma timpinġiex fuq id-determinazzjoni tal-kwistjoni jekk ix-xogħol li qed isir hux qed jikkawża danni struttruali u fuq id-determinazzjoni tal-kwistjoni jekk il-gallerija proposta f'l-iżvilupp taggravax is-servitu.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiċħad it-talba ta'l-atturi dedotta fir-rikors preżentat fit-8 ta' Frar 2024 permezz ta' liema talbu s-soprasessjoni f'din il-kawża. Spejjez relatati ma' dan r-rikors jkunu a karigu ta'l-atturi.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

[2] Is-sottolinear huwa kollu ta' din il-Qorti.
[3] Sia jekk għandhom raġun l-atturi u sia jekk għandhom ragun il-konvenuti.